MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 377/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Lulju 1987 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal li jisimhom Clayton, Raisa u Brendon li ghandhom 26 sena, 22 sena u 21 sena rispettivament. Kopji tac-certifikati tat-twelid qed jigu annesssi bhala Dok B sa D ;

Illi l-partijiet gew dikjarati legalment separati b’kuntratt datat 20 ta’ Mejjju 1997 (Dok E) fl-atti tan-Nutar Dr Isabelle Gonzi li sussegwentement gie emendat b’kuntratt iehor tas-17 ta’ Lulju 1997 fl-atti ta’ l-istess nutar (Dok F) ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minhabba li ilhom is-snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi fl-imsemmija kuntratti kien gie miftiehem illi jithallas manteniment ta’ LM 85 fix-xahar bhala manteniment tat-tfal. Dan kien thallas u sussegwentement it-tfal saru maggorenni u mhux qed jistudjaw fuq bazi full time u ghalhekk illum il-gurnata l-ebda manteniment m’hu dovut ;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, u
ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku,

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Settemru, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt datat 20 ta' Mejju 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------